



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10040/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0147 (NLE)

WTO 164
COASI 98

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2021
TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ

ta'...

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, u b'mod partikolari l-Artikolu 17.1 (4) (f) tiegħu,

Billi skont l-Artikolu 17.1, il-paragrafu 4, il-punt (f) tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ, kif stabbiliti fl-Anness, huma b'dan adottati.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [id-data għad trid tinftiehem].

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kopresidenti

ANNESS

IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ
STABBILIT MILL-ARTIKOLU 17.1 TAL-FTEHIM TA' KUMMERĊ ĦIELES
BEJN L-UNJONI EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA,
U R-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM, MIN-NAĦA L-OĦRA

Artikolu 1

Rwol u isem tal-Kumitat għall-Kummerċ

1. Il-Kumitat stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 17.1 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa responsabbli għall-kwistjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 17.1 tal-Ftehim.
2. Il-Kumitat imsemmi hawn fuq għandu jissewma fid-dokumenti tal-Kumitat, inklużi d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, bħala l-Kumitat għall-Kummerċ.

Artikolu 2

Kompożizzjoni u presidenza

1. Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 17.1 tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam.
2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkun kopresedut mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-Kummerċ u mill-Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ tal-Vjetnam jew id-delegati rispettivi tagħhom.
3. Fil-każ fejn il-Kumitat għall-Kummerċ ikun kopresedut mid-delegati rispettivi, kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal delegat li jkun inkarigat li jikkopresjedi l-Kumitat għall-Kummerċ għal dik il-Parti. Dan l-uffiċjal delegat jitqies li jkollu l-awtorizzazzjoni li jirrappreżenta l-Parti sad-data li l-Parti tkun innotifikat kopresident ġdid lill-Parti l-oħra.

Artikolu 3

Segretarjat

1. L-uffiċjali mis-servizzi responsabbli għall-Kummerċ għal kull Parti għandhom jaġixxu flimkien bħala s-Segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ.
2. Is-Segretarjat se jaġixxi bħala punt ta' kuntatt u faċilitatur għall-organizzazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ, kif speċifikat f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura.
3. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal li jkun il-membri tas-Segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għal dik il-Parti. Dan l-uffiċjal jitqies li jkompli jaġixxi bħala membru tas-Segretarjat għall-Parti sad-data li fiha l-Parti tavża lill-Parti l-oħra dwar membru ġdid.

Artikolu 4

Laqgħat

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa', f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 17.1 tal-Ftehim. B'mod partikolari, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' darba fis-sena, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kumitat għall-Kummerċ, jew f'każijiet urġenti fuq talba ta' Parti.
2. Il-laqgħat għandhom jissejġu mill-Kopresident tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.
3. Laqgħa tista' ssir wiċċ imb wiċċ, b'vidjokonferenza, jew bi kwalunkwe mezz ieħor.

Artikolu 5
Delegazzjonijiet

Il-membru tas-Segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għal kull Parti għandu jinforma lill-membru tas-Segretarjat tal-Parti l-oħra dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Vjetnam, rispettivament, mill-inqas 14-il jum qabel il-laqgħa, jekk ikun possibbli. Il-listi għandhom jispeċifikaw l-isem u l-funzjoni ta' kull membru tad-delegazzjoni.

Artikolu 6
Aġenda tal-laqgħat

1. Is-Segretarju tal-Kumitat għall-Kummerċ għandu jħejji aġenda proviżorja għal kull laqgħa abbażi ta' proposta magħmula mill-membru tas-Segretarjat tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, bi skadenza biex il-Parti l-oħra tkun tista' ttiprovdi l-kummenti. L-aġenda proviżorja għandha titħejja 30 jum qabel il-laqgħa jekk ikun possibbli u mhux aktar tard minn 14-il jum qabel il-laqgħa.
2. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat għall-Kummerċ fil-bidu ta' kull laqgħa. Il-punti li ma jidhrux fuq l-aġenda proviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda b'konsens.

Artikolu 7

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitħejja mill-membru tas-Segretarjat tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, fi żmien 15-il jum minn tmiem il-laqgħa, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor. L-abbozz tal-minuti għandu jintbagħat għall-kummenti lill-membru tas-Segretarjat tal-Parti l-oħra.
2. Bħala regola ġenerali, il-minuti għandhom jiġbru fil-qosor kull punt fl-aġenda, u fejn japplika jispeċifikaw:
 - (a) id-dokumenti kollha sottomessi lill-Kumitat għall-Kummerċ;
 - (b) kwalunkwe dikjarazzjoni li wieħed mill-kopresidenti tal-Kumitat għall-Kummerċ ikun talab li tiddaħħal fil-minuti; u
 - (c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet maqbula u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.
3. Il-minuti għandhom jinkludu lista tad-deċiżjonijiet kollha li l-Kumitat għall-Kummerċ ikun ħa bil-proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(2) mill-aħħar laqgħa tal-Kumitat.

4. Anness għall-minuti għandu jinkludi wkoll lista tal-ismijiet, it-titli tal-individwi kollha li attendew il-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ u f'lema kapacià għamlu dan.
5. Il-membru tas-Segretarjat tal-Parti li tospita l-laqgħa għandu jimmodifika l-abbozz tal-minuti abbażi tal-kummenti li jaslulu u l-abbozz tal-minuti, kif rivedut, għandu jiġi approvat mill-Partijiet fi żmien 30 jum mid-data tal-laqgħa, jew sa kwalunkwe data oħra maqbula mill-kopresidenti. Ladarba approvati, is-Segretarjat għandu jistabbilixxi żewġ kopji oriġinali tal-minuti, u kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali tal-minuti.
6. Meta r-regoli preżenti japplikaw għal-laqgħat tal-kumitati speċjalizzati, il-minuti tal-laqgħat tal-kumitati speċjalizzati għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe laqgħa sussegwenti tal-Kumitat għall-Kummerċ.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet rigward kull kwistjoni prevista fil-Ftehim. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet b'konsens reċiproku, kif previst fl-Artikolu 17.4 tal-Ftehim.
2. Fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet permezz tal-proċedura bil-miktub.

3. It-test ta' abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni għandu jiġi ppreżentat bil-miktub minn kopresident lill-kopresident l-ieħor fil-lingwa ta' ħidma tal-Kunsill għall-Kummerċ. Il-parti l-oħra għandu jkollha xahar, jew kwalunkwe perjodu itwal ta' żmien speċifikat mill-Parti li qed tagħmel il-proposta, biex tesprimi l-qbil tagħha mal-abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni. Jekk il-Parti l-oħra ma tesprimix il-qbil tagħha, id-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni proposta għandha tiġi diskussa u tista' tiġi adottata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill għall-Kummerċ. L-abbozzi ta' deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala adottati ladarba l-Parti l-oħra tesprimi l-qbil tagħha u l-adozzjoni tagħhom għandha tiġi mniżżla fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat skont l-Artikolu 7(2).
4. Meta l-Kumitat għall-Kummerċ jingħata s-setgħa skont il-Ftehim li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, tali atti għandhom jiġu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament. Is-Segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandu jagħti lil tali deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet numru tas-serje progressiv, id-data tal-adozzjoni, u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Kull deċiżjoni u rakkomandazzjoni għandha tipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ għandhom jiġu stabbiliti f'żewġ kopji, awtentikati mill-Kopresidenti u trażmessi lil kull Parti.

Artikolu 9
Trasparenza

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu, b'kunsens, li jiltaqgħu fil-pubbliku.
2. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha jew online.
3. Id-dokumenti kollha sottomessi minn Parti għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali, sakemm dik il-Parti ma tiddeċidix mod ieħor.
4. L-aġendi proviżorji tal-laqgħat għandhom isiru pubbliċi qabel issir il-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-minuti tal-laqgħat miftiehma skont l-Artikolu 7 għandhom isiru pubbliċi.
5. Il-pubblikazzjoni u l-iżvelar tad-dokumenti msemmija fil-paragrafi minn 2 sa 4 għandhom isiru f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli ta' kull Parti u f'konformità mal-Artikolu 17.15 tal-Ftehim.

Artikolu 10

Lingwi

1. Il-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun l-Ingliż.
2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjonijiet dwar l-emenda jew l-interpretazzjoni tal-Ftehim, fil-lingwi tat-testi awtentiċi tal-Ftehim. Id-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha tal-Kumitat għall-Kummerċ, inkluż dik li permezz tagħha jiġu adottati r-regoli ta' proċedura preżenti, għandhom jiġu adottati fil-lingwa ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 1.
3. Kull Parti għandha tkun responsabbli għat-traduzzjoni ta' deċiżjonijiet u dokumenti oħra fil-lingwa(i) uffiċjali tagħha, jekk meħtieġ skont dan l-Artikolu, u għandha ġġarrab in-nefqa assoċjata ma' tali traduzzjonijiet.

Artikolu 11

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri n-nefqa li ġġarrab b'riżultat tas-sehem tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ, b'mod partikolari fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u n-nefqa għas-sussistenza kif ukoll fir-rigward tan-nefqa fuq vidjokonferenzi jew telekonferenzi, u fuq il-posta u t-telekomunikazzjoni.

2. In-nefqa b'rabta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha tiġġarrab mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.
3. In-nefqa marbuta mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni minn u lejn il-lingwa ta' ħidma matul il-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tiġġarrab mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Artikolu 12

Kumitati speċjalizzati u gruppi ta' ħidma

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiġi infurmat bil-miktub dwar il-punti ta' kuntatt maħtura mill-kumitati speċjalizzati jew minn gruppi ta' ħidma oħrajn stabbiliti skont il-Ftehim. Il-korrispondenza, id-dokumenti u l-komunikazzjonijiet rilevanti kollha bejn il-punti ta' kuntatt ta' kull kumitat speċjalizzat u grupp ta' ħidma rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ simultanjament.
2. Skont l-Artikolu 17.2, il-paragrafu 6 tal-Ftehim, kumitat speċjalizzat għandu jirrapporta lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet minn kull laqgħa tiegħu.

Artikolu 13

Emendi għar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati bil-miktub permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ f'konformità mal-Artikolu 8.

Artikolu 14

Informazzjoni għall-Kumitat Konġunt

Skont l-Artikolu 17.1, il-paragrafu 5, tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jinforma lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bħala parti mill-qafas istituzzjonali komuni dwar l-attivitajiet tiegħu u dawk tal-kumitati speċjalizzati tiegħu, kif rilevanti, fil-laqgħat regolari tal-Kumitat Konġunt.
